# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 180/2016**

Il-Pulizija

vs

**Samvel Barsegian**

iben Vahram, imwieled Venissieux, fis-16 ta' Jannar, 1996, detentur tal-passaport Franciz numru 15CT19557

Illum, 11 ta' April, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Samuel Barsegian quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Marzu 2016 f'dawn il-Gzejjer:

1. mingħajr awtorizzazzjoni żvela xi password jew kull mod ieħor ta' dħul, kodiċi ta' dħul jew xi tagħrif ieħor dwar kif isir id-dħul lil xi persuna mhux awtorizzata ghad-dannu tas-societa' Engel & Völkers/Sara Grech;

2.	ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta'appoġġ jew għamel użu minnhom ghad-dannu tas-societa' Engel & Völkers/Sara Grech;

3.	kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm-il darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi liġi oħra ghad-dannu tas-societa' Engel & Völkers/Sara Grech;

4.	bil-ħsieb li tagħmel delitt urejt dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħek;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikoli 337C (f) (h) (j) u 41 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat Samvel Barsegian hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u multa ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000).

Rat ir-rikors tal-appellant Samvel Barsegian ipprezentat fit-12 ta' April, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikata tal-31 ta' April 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma l-htija ,izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-piena, limitatament ghal piena, li m'ghandux mezzi biex ihallas tali multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), li b'hekk ifisser sentenza ta' prigunerija effettiva. Huwa minnu li l-ammont tal-multa hija fil-parametri tal-ligi, jigifieri bejn €500 u €150,000, izda l-mezzi ta' l-appellant huwa hekk.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi tali piena hi fil-parametri tal-ligi u l-appellant ma gab ebda prova valida li tista' tinduci lil din il-Qorti li tvarja l-piena erogata.

Illi minbarra dan fl-1 ta' April, 2018 l-appellant ghamel l-ewwel pagament ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin euro (€625) akkont tal-multa nflitta.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Samvel Barsegian u tikkonferma s-sentenza appellata.